# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 9 ta' Novembru, 2000**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 1010/95 JF**

**Paul Micallef u Jason Micallef**

**vs**

**Maxim Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-

konvenut u dan b'dannu tal-atturi, gew kagunati danni minhabba incident tat-traffiku illi sehh fit-23 ta' April 1995 ghall-habta tat-8:30 p.m. fil-limiti taz-Zebbug;

U premess li dawn id-danni, kemm bhal danni emergenti u kemm bhal *lucrum cessans,* jikkonsistu f'feriti gravi fuq il-persuna ta' l-attur Jason Micallef liema feriti jikkonsistu f'dizabilita' permanenti f'id l-istess Jason Micallef, kif ukoll danni kagjonati fuq il-mutur tal-marka Yamaha ta' l-attur Paul Micallef, liema mutur igib in-numru ta' registrazzjoni Q-2148;

U premess li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut;

Talab li din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi f'incident tat-traffiku illi sehh fit-23 ta' April 1995 ghall-habta tat-8:30 p.m. fil-limiti taz-Zebbug;

2. Tillikwida d-danni kagjonati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-attur Jason Micallef li naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku waqt li huwa kien qed isuq il-mutur numru Q-2148 u dana bir-rizultat li huwa habat mal-vettura misjuqa mill-eccipenti.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipenti, l-ebda ammont ma ghandu jigi mhallas minnu lill-atturi bhala danni rizultanti minn dan l-incident

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta u ezaminat l-"affidavits" li gewipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza ezawrjentement;

Ikkunsidrat li din in ezami hija azzjoni ghal risarciment ta' danni riferibbilment ghal incident tat-traffiku li kien jinvolvi habta bejn karozza misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni W-2221 u mutur Yamaha bin-numru Q-2148 misjuq mill-attur Jason Micallef. Dan l-incident gara fit-23 ta' April 1995 ghall-habta tat-8:40 p.m. fi Vjal il-Helsien, Zebbug (ara rapport Dok. RC1 – fol 24 tal-process).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li filwaqt li l-kontendenti u x-xhieda taghhom jaqblu fuq il-pozizzjoni dwar kif spiccaw il-vettura u l-mutur wara li sehhet il-habta, mill-bqija hemm zewg verzjonijiet notevolment konfliggenti ma' xulxin ghal dak li jikkoncerna d-dinamika tal-habta.

Skond l-attur Jason Micallef, jigifieri s-sewwieq tal-mutur, huwa kien miexi ghad-dritt minn Vjal il-Helsien, gej mid-direzzjoni tas-Siggiewi u diehel lejn ic-centru tar-rahal u jsuq f'nofs il-karreggjata tieghu u bi speed ta' madwar 20 mil fis-siegha. Jghid li fit-triq ma kien hemm hadd, x'hin min-naha tax-xellug tat-triq f'daqqa wahda hargitlu quddiemu l-karozza tal-konvenut. Warajh, isuq mutur iehor b'cilindrata akbar kien hemm siehbu Norbert Fenech. Jelabora li ra d-dawl u l-karozza f'salt. Bil-habta mal-karozza tal-konvenut, l-attur Jason Micallef spicca fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata, imtajjar minn fuq il-mutur, biswit il-bieba ta' quddiem lemini tal-karozza li habat maghha, gie rikoverat l-isptar fi stat gravi pero' fl-ahhar mill-ahhar, dejjem skond ma rrelata l-perit mediku nominat mill-Qorti

appozitament, huwa sofra danni fuq persuntu f'percentwal ta' wiehed fil-mija (1%) – ara relazzjoni a fol. 85 et seq. tal-process. Hsara estensiva giet ikkagjonata lill-mutur, li hu proprjeta' tal-attur l-iehor, missier Jason Micallef, stmata – ara ritratti u stima "ex parte", a fol. 68 – 70 tal-process – li skond l-atturi tlahhaq is-somma ta' madwar elfejn lira, u precizament Lm2,032.54c.

Norbert Fenech, li kien isuq wara l-attur b'mutur iehor, jikkorrobora l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Jason Micallef. Huwa wkoll jinsisti li l-vettura tal-konvenut harget f'daqqa u li mhux veru li s-sewwieq taghha, Maxim Cassar, kien wieqaf qabel l-impatt li sar mal-karozza tieghu mill-mutur ta' Jason Micallef. Ix-xhud jghid li hu kien isuq tul ta' zewg karozzi distanti mil-mutur ta' quddiemu u kien gja' dalam. In kontro-ezami, dan ix-xhud jispjega li meta huwa qal lis-surgent li kien isuq "magenb" Jason Micallef ma riedx ifisser biswitu imma "warajh", "magenbu" kienet tfisser ghalih li kienu vicin ta' xulxin. Huwa jaghti l-ispeed taghhom bhala ta' 20 mil fis-siegha.

Il-konvenut, korroborat minn martu Antoinette Cassar, jaghti verzjoni differenti tal-habta. Huwa kien isuq lejn darhom li tinsab fi Triq San Rokku, Zebbug. Biex imorru hemm, ried jghaddi minn Vjal il-Helsien, Zebbug. Imbaghad htieglu jdur fuq il-lemin tieghu biex jipprocedu u jidhlu gewwa Triq San Rokku fejn jinsab il-garaxx tieghu. Kien gja' beda niezel minn Vjal il-Helsien, isuq vicin tad-"double-line", kemm ghaliex ried idur lejn il-lemin kif ukoll il-ghaliex max-xellug tat-triq kien

hemm vetturi ohrajn ipparkeggjati. Meta kien lura minn fejn htieglu jikser tul xi erbgha (4) jew hames (5) karozzi, xeghel l-"indicator" tal-lemin, naqqas l-ispeed tieghu, li diga' jghid li kien baxx hafna. X'hin wasal faccata Triq San Rokku waqqaf ghal kollox il-vettura. Beda miexi 'l quddiem lejn din it-triq u meta wasal qrib il-bokka tat-triq, gie mutur minn warajh u dahal fil-genb lemini tal-vettura tieghu b'impatt qawwi hafna, tant li l-vettura tieghu sfat spostata lejn ix-xellug. Id-daqqa, skond il-konvenut u martu, saret wara li l-konvenut kien hiereg mill-karreggjata tieghu u kien kwazi qasam il-karreggjata l-ohra.

Meta ghandek zewg verzjonijiet kontrastanti b'dan il-mod, il-Qorti tfittex b'mod aktar approfondit x'jghidu xhieda totalment newtri u / jew lejn provi ohra indizzjarji. Sfortunatament ix-xhieda, ir-rapport u l-iskizz tas-Surgent 1514 Robert Camilleri ma tantx huma daqstant ta' ghajnuna. Jekk xejn pero', il-provi prodotti tramite dan ix-xhud aktar jaghtu attendibilita' u forza lill-verzjoni tal-konvenut u martu milli dik attrici. Pero' jibqa' l-fatt li l-"ispot of impact" – fattur li seta' jitfa' dawl determinanti baqa' ma giex stabbilit (ara xhieda a fol. 18 – 23 u 53 – 56 tal-process). Lanqas sinjali ta' brejk ma gew innutati. Il-Qorti tosserva izda li dwar "speed", is-Surgent Camilleri jsemmi sewqan ta' madwar 30 mil fis-siegha riferibbilment ghall-mutur ta' l-attur, skond almenu dak li qallu Norbert Fenech wara li nterrogah fil-hin ta' wara li sehh l-incident. Dan jindika "speed" kemmxejn oghla minn dak li jsemmu fix-xhidiet taghhom kemm Jason Micallef u l-istess Norbert

Fenech. Aktar sinjifikanti mbaghad hu s-segwenti bran mehud mir-rapport tas-Surgent Camilleri (a fol. 24):

> *"Norbert Fenech ….. stqarr li waqt l-incident dan ra li f'daqqa wahda l-vettura W-2221 <u>kienet se ddur lejn il-lemin</u> u ra lil siehbu Jason jahbat mal-vettura ….."*

L-ewwel parti ta' din l-istqarrija taqbel mal-linja tal-fatti moghtija mill-attur, izda t-tieni parti taqbel mal-verzjoni tal-konvenut. Mistoqsi dwar dan, is-Surgent jelabora (a fol. 54) li proprjament Norbert Fenech lilu qatt ma qallu li l-konvenut "kien hiereg min-naha tax-xellug". Lilu Norbert Fenech qallu biss li l-karozza tal-konvenut harget biss ghan-nofs. Kien biss mill-istharrig tieghu (!) li hu assuma li l-karozza tal-konvenut kienet qeghda ddur fuq il-lemin. Pero' ghamilha cara li Norbert Fenech QATT ma qallu li l-konvenut tfacca min-naha tax-xellug tat-triq.

Mill-assjem tal-provi, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li fuq preponderanza ta' provi jista' jinghad Ii l-atturi ppruvaw dak li qeghdin jippremettu – cjoe' li l-habta grat tort tas-sewqan tal-konvenut. Kien jinkombi fuqhom li jfornu tali provi, almenu fuq bazi ta' probabilita', u tali grad ta' prova ma lahquhiex. Anzi, fil-fehma tal-Qorti, il-verzjoni tal-konvenuti tidher aktar attendibbli. Ma giex ippruvat, kif ried jaghti x'jifhem il-konvenut tramite l-legali tieghu, li fil-mument tal-habta, l-attur Jason Micallef x'aktarx kien itellaq il-mutur tieghu ma' dak ta'

siehbu u dan jispjega l-ghala seta' kien isuq fuq in-naha hazina tat-triq, izda bl-istess mod ma jirrizulta bl-ebda mod li l-karozza tal-konvenut tfaccat f'daqqa wahda min-naha tax-xellug. Bi "proper look-out" l-attur Jason Micallef messu ra li quddiemu gja' kien hemm il-vettura tal-konvenut f'operazzjoni intiza biex din ddur lejn il-lemin taghha.

Bi "proper look-out" min-naha tieghu fir-rigward ta' traffiku quddiemu u b'kontroll shih fuq il-mutur tieghu, l-attur Jason Micallef kien ikun pjenament in grad li jilmah tempestivament il-vettura tal-konvenut hi u ddur lejn il-lemin taghha u tempestivament ukoll kien messu ffrena l-mutur tieghu minflok ma baqa' diehel fil-bieb ta' quddiem tal-lemin tal-vettura tal-konvenut. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi htija kontributorja attribbwibbli lill-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-atturi, inkluzi dawk peritali.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md